# XTRAWLU L-HUT FIL-BAHAR

*Ta'* Lawrence Mizzi

SEWWA jgħidu: Min għandu ħaġa u min oħra. Is-Sur Tonin tfal ma kellux, iżda lanqas sabar ma kellu. Kien qisu tifel, jitwebbel malajr u jixba' minn kollox; u bħal dawk it-tfal mhej. ma, il-kapriċċi tiegħu kienu jqumu l-flus. Povra Ċikka! X'ma kellhiex tara f'dawk it-tletin sena ta' żwieġ! Wara tliet snin meta kien qata' jiesu li jkollu tfal, twebbel bix-xadini. Ma kienx jagħti pass li ma kontx tarah b'żewġ xadini, il-kruha tagħhom. Bwietu mimlija bil-karawett kont tilmħu dejjem imdawwar bit-tfal. Dawn l-għaxqa tagħhom. Iħarsu lejh, jiġġieldu min jixħtilhom il-karawett u hu (b'żaqq daqshiex) jistħajlu San Filippu.

Ma għaddiex żmien wisq meta flok xadini issa kellu pappagall f'gaġġa kollha iwien. Tgħidx min ma kienx jingabar wara biebu. Saħansitra l-kappillan kien waħħalha f'rasu li jgħallmu xi talb bil-Malti u kien irnexxielu. Iżda meta darba fis-sajf, wara mawra li kien għamel fi Sqallija, ġie kollu ħrara biex jara kienx għadu jiftakar ċik it-talba, il-pappagall bagħtu jaqdi qadja li ħadd, lanqas Frenċ id-Disklu, ma kellu l-ħila jikkmandah. Is-Sur Tonin gidem xofftu, demmu tala' għal rasu, għajnejh qabżu 'l barra u qatagħha li jilwilu għonqu.

Issa kien taha għal ponijiet. Kull xahar kont tarah b'wieħed ġdid. Daqqa jixtri, oħra jbigħ, issa jpartat u hekk kien sejjer. Għamel ħabta ma jitħarrikx mill-Marsa għax waħħalha f'rasu li jidħol għal tat-trott. Dak in-nhar tat-tiġrija r-raħal niżel bi ħġaru ħa jarah, iżda lkoll baqgħu b'xiber imnieħer, għax fittelfa li kellu s-Sur Tonin kien nesa jirreġistrah.

U hekk kien sejjer. Meta xaba' mill-annimali xi ħadd webblu biex jiftaħ każin tal-boċċi. Ma għandniex xi ngħidu, il-flus ħariġhom kollha waħdu. Hu kien qiegħed għat-tgarar. Tassew li f'sena sħiħa l-likk ma laqtux darba, iżda kuraġġ dejjem sab. U żgur, x'jaqblilhom dawk?

Ċikka kienet dratu issa. Meta tarah wara li jiekol (bil-ħatfa kemm jista' jkun) iferragħ darbtejn inbid, kienet tistennieh ħiereġ b'xi waħda ġdida. U għalkemm għall-ewwel kienet tiqaflu, iżda mbagħad hi stess kienet tkompli miegħu. Ta' mara li kienet. ("Wara kollox" kienet taħseb Ċikka bejnha u bejn ruħha, "flusu mhux tiegħu?, jagħmel bihom li jrid").

Jum fost l-oħrajn kienet kesħa xxoqq il-għadam, u kif kienet soltu tagħmillu f'temp bħal dak lestietlu ftit soppa tas-saqajn immelħa. Kien jiggennen għalihom is-saqajn u meta jaqbad waħda l-klieb kienu jaħbtuħa ħażin għax lanqas xi jlaqqtu ma kien iħallilhom. Iżda did-darba meta qaltlu li saqajn kellhom, wiċċu ma mteliex bid-dawl bħas-soltu. Ċikka mill-ewwel xammitu. "Jaqaw ma tiflaħx, Ton?" staqsietu b'nofs qalb bħal dak li qallu kienet diġà taf it-tweġiba. "Le... le... x'ma niflaħx hu. X'qed thewden?" (Dik ta' ma niflaħx ma kienx jista' għaliha. Kien għadu jridha wisq).

"Mela għax ma tridx tiekol?" reġgħet seħqitlu.

"Min qallek li ma rridx? Aqlibli. Inħobbhom tant is-saqajn".

Iżda għalkemm sforza u tqanżaħ, nofs is-soppa fil-platt baqgħet u l-klieb ma kellhomx mniex igorru did-darba għax għamlu festa. Ċikka ħasset qalbha tferfer u kienet se terġa' tibdielu, meta qatagħlha ħsibijietha.

"Hemm waqa'!..."

"Min?" ħatfitu martu.

"Il-Gvern!" serrħilha rasha s-Sur Tonin.

"U iva, dawk mhux kollha għal buthom jagħmlu. Ħa jieħdu! Jekk ma jkollokx ħadd ma jtik".

"Imma mhux kulħadd xorta", tħajjar idawwarha. "Nieħdu l-Avukat Imbroll..."

"Ajma 'l min semmejt. Għalhekk qabbdu lit-tifel t'oħtok! Anqas qatt jersaq 'l hawn jekk ma tkunx riesqa xi votazzjoni".

"Iżda din id-darba mhux ħiereġ".

"U mnalla għax ma kontx se nivvotalu. Tgħidli xi tgħidli nqattgħu l-vot, jitla' min jitla'."

"Tqattgħu xejn. Vot jiswa l-flus. Imbagħad..."

"Biex ġej?!"

"Le xejn. Għax sabni Karmnu ta' Dolor, taf int dak is-Segretarju tal-Partit tal-Bdiewa, u ħajjarni biex noħroġ għar-raħal..."

"Min? Int?! X'tagħmel? Toħroġ u tibda tipprietka? Biex kulħadd jiżżufjetta bik?! Mela x'tagħmel! Għal kollox qgħadtlek: Xadini, ponijiet, klieb, pappagalli, boċċi, imma din ma tkunx. Ara x'se tagħmel, inkella nara x'nagħmel jien".

Is-Sur Tonin ra li dak ma kienx waqt li jdawwar lil martu.

Zekzek tneju, ħa żewġ belgħat oħra u tela' jimtedd. Iżda meta jumejn wara reġa' qabadhielha u qalilha li jilbes it-tomna u s-surtun meta jitla'; u jkollu *lightcar* bix-xufier; u n-nies tiġi tħabbatlu l-bieb biex iqabbadhom jaħdmu; u l-kappillan jistiednu bl-invit meta jikxef il-koppla, u l-każin tal-banda jagħmluh President Onorarju, allura għamlet ta' bir-ruħha li dendlet il-geddum u qagħdet.

Xi ħbieb kienu qalulu x'għandu jagħmel. L-ewwelnett kellu jibda jsellem lil kulħadd: lil ta' l-Ajkla u ta' l-Istılla. It-tieni ma jpoġġix dejjem f'ħanut wieħed u kemm jista' jkun jħallas hu. U lejn iz-zuntier kellu jersaq aktar ta' sikwit (għax dan l-aħħar kien qiegħed iżommha wisq). Qalulu wkoll biex jixtri xi ġurnali (avolja skola qatt ma mar) u dejjem iżommhom fejn jidhru, iżda qatt ma kellu jipprova jaqrahom.

Dak in-nhar tal-*meeting* ma kellux jitkellem. Kelliemi wara ieħor beda tgħajjir tiegħu u spiċċah. Ċapċip xejn. Is-Sur Tonin bil-qiegħda fuq it-truck b'sigarru tal-ponċ f'ħalqu jsellem lil kull min kien jilmaħ. Iżda f'daqqa waħda, is-Segretarju resaq lejn il-*microphone* u ħabbar:

"Għandi pjaċir kbir inressqilkom għall-ewwel darba lill-benefattur tar-raħal, is-Sur Tonin!"

Is-Sur Tonin qalbu għamlet tikk. Tassew li ma kienx xi wieħed li jistħi, għax wiċċu kien qagħdlu, imma qatt ma kien kellem aktar minn ħanut nies. Saqajh ħasshom qegħdin jogħtru. Xofftejh kienu niexfa qoxqox. Griżmejh kienu jniggżuh qishom mimlija labar. Għal mument tbikkem. Imbagħad ftakar meta huwa kien imur jisma' lill-avukat jagħmel *meeting* u ipprova mill-aħjar li seta' biex jimitah.

"Eletturi tas-seba' distrett", beda. "Tat-tielet", ikkoreġieh is-Segretarju. Tatu xerqa, beda jisgħol u ħareġ il-maktur.

"Eletturi tat-tielet distrett, jiena nixtieq li tagħtuni n-numru unu. Ħbieb, tafu li kulma jkollkom bżonn dejjem għandi tiġu. Il-bieraħ stess slift £3 lil Toni tal-Godlija għax għalaqlu l-kera u ma kellux mnejn iħallas. Insomma ħbieb, tinsewnix. Tafu x'jisimni, is-Sur Tonin Callus, noqgħod numru 17 ħdejn il-knisja faċċata tal-kappillan. Min ikun irid xi ħaġa tibżax, jien mhux se niksru".

Waqaf. Iżda kif kien se joqgħod bil-qiegħda ("ma ħamlux kwiet" qalet Ċikka li kienet qiegħda tisimgħu minn wara kantuniera) is-Segretarju qallu: "Għidilhom x'se tagħmel la titla'".

"U nagħmel bosta affarijiet", temtem is-Sur Tonin. "Niftaħ skola għat-tfal tar-raħal". (Kienu għadhom kemm bnew waħda l-ġmiel tagħha). "Nagħmel għalqa kbira bl-annimali bħal dik li kellhom il-kummiedja Ġermaniża. Il-ħwienet jibqgħu miftuħa l-lejl kollu u nraħħas l-inbid ta' Malta".

Qabel niżel bil-qiegħda ftakar f'xi ħaġ'oħra. "U nagħmel minn kollox biex nerġgħu nisparaw il-murtali". U qagħad bil-qiegħda fost iċ-ċapċip ta' xi erbgħa li żguraw irwieħhom li kien rahom tajjeb u qabel ma ħadulu b'idejh ma telqux lejn djarhom.

Dak ix-xahar kien swielu bagatella. Tal-każin talbuh jagħmlilhom standard ġdid: Tal-*football* xtaqu sett gerijiet ġodda. Il-Konfraternità tar-Rużarju tħajru jagħmlu par lanterni bil-bastun tal-fidda. Rożina romlot ħesrem u kellha ċorma tfal. ("Kollha bla vot" sogħbieh is-Sur Tonin).

Insomma bejn il-pinet li ħallas u dawn l-opri (mhux ta' ħniena) swietlu mal-mitejn lira. U meta Ċikka kienet tiftaħ ħalqha, kien isabbarha. "U dawk nibda naqlagħhom f'xahar la nitla'!"

Aġent kellu lil ċertu Ġorġ l-*Ispitfire*, raġel bla skrupli, li min jaf kemm kien għamel flus fi żmien il-gwerra mill-*Victory Kitchen* u mill-'convoys', iżda ma kienx irnexxielu jfaddal sold, għax kien lagħabhom kollha.

Sabu għal taħt snienu lis-Sur Tonin. Ta' kull fil-għaxija kienu jmorrulek għar-ronda tal-ħwienet tar-raħal. Is-Sur Tonin iħallas u Ġorġ ilegleg. Qabel jitilqu, l-*Ispitfire* kien idur lejn sħabu u b'tegħmiża kien ifakkarhom li l-elezzjoni kienet qorbot biex ma jinsewx lill-benefattur u benestant tar-raħal. Barra minn hekk, is-Sur Tonin kien qiegħed iħallsu lira kuljum ta' dan l-iskomdu; x'ma jieħux pjaċir meta jaqa' l-Gvern. "Nirrah jaqa' kuljum!" kien itenni ma' sħabu.

Erbat ijiem qabel l-elezzjoni, Ġorġ ġabar lit-tfal t'oħtu u qabbadhom jimlew l-envelopijet bir-ritratt tas-Sur Tonin, li kien ħa qiegħed ma' żewġ xadini, wara l-knisja. Ma għandniex xi ngħidu, it-tfal dejjem dabbru dik it-tmintax irbiegħi kull wieħed.

B'xorti ħażina, it-tlitt ijiem ta' l-elezzjoni nxteħet. Kellu deni ta' żiemel. "Bl-eċċitament", qallu t-tabib tar-raħal. Is-Sur Tonin xtaq jagħti ġidu biex imur ħdejn l-għassa, iżda Ċikka u t-tabib u l-Kappillan ipperswadewh biex jibqa' fis-sodda ħalli meta jitla' jkun jista' jmur jirringrazzja lin-nies.

It-Tnejn filgħaxija Ġorġ ħalifilu li mis-sitt mitt vot tar-raħal

ma kellux jiehu anqas minn hames mija u tmenin. Kulhadd kien accertah li s-Sur Tonin in-numru unu ha. Ghal dawn il-kelmiet ta' hegga, zewg Cikka ghamel hila kbira. Fetah xi fliexken tal-gnibru u tal-whisky u lestiehom ghal meta jibda l-ferh. Il-bibien u t-twieqi kienu miftuha berah, wahedhom ighidulek ghaddi. Is-Sur Tonin u martu bil-qieghda fuq pultruna jghoddu s-sekondi sa ma r-Rediffusion jibda jaghti r-rizultati.

Sbieh it-Tlieta holom li tela' bil-kwota. Kulhadd gie biex jifrahlu. Holom li lahaq Ministru tal-Biedja u li r-Regina (li taghha kien devot wisq) baghtitlu telegramm ta' ferh. Holom ukoll li Cikka kienet telqitu ghax ma kienx baqa' jirrispettaha. Qam inkwetat, izda x'hin lemah lil martu fl-isbah naghsa serrah rasu u kompla johlom.

L-Erbgha filghaxija kien ghadu kemm dahal id-dar meta sema' l-*announcer* tar-Rediffusion ihabbar li se jaqra l-ewwel 'count' tat-tielet distrett. Is-Sur Tonin hares lejn martu, din tbissmitlu u ghoqla ta' ferh telghet fi grizmejt. Qabbad sigarru... "Anthony Callus, benestant, Partit Malti tal-Bdiewa, tlieta... ghal waqt haseb li gejja tlitt elef) sebgha—sebgha u tletin".

Is-sigarru waqa' minn bejn snienu. Cikka tat twerziqa twila u kiesha bhal meta tara far riesaq lejha. Qalbu hassha tieqaf mit-tahbit, wiccu sfar u hdar; l-gharaq xaqq ghalih; id-dawl naqaslu; rasu bdiet iddur bih u ghal mument sthajlu Alla m'ghamlu.

Ma riedx jemmen lil widnejh, izda meta mar biex jaghlaq il-bieb u t-twieqi, minn wara l-persjana sema' 'l Gigi ta' Dajdi jghid lil corma guvintur (li min jaf kemm-il grokk b'xejn kienu xorbu minn fuq dahru!)

"Nhar is-Sibt 'is-sebgha u tletin" se nehodhom prima b'rizq il-benestant tar-rahal!" Ma kien baqaghlu ebda dubju.

It-tabib deher diehel ta' sikwit fid-dar tas-Sur Tonin u meta fieq, xi tliet xhur wara, rega' taha ghall-amurini u l-griedel.